18 ta' Settembru, 2004

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA U X-XANDIR**

**Reazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern għar-rapport ta' l-Inkjesta Maġisterjali dwar id-Deportazzjoni ta' persuni mill-Eritrea**

Fil-25 ta' Mejju, 2004, il-Maġistrat Abigail Lofaro ġiet nominata sabiex tmexxi inkjesta dwar il-proċess kollu li wassal għad-deportazzjoni ta' għadd ta' ċittadini Eritrej f'Settembru u Ottubru tas-sena 2002, u tinvestiga jekk dan il-proċess kienx wieħed regolari u skond il-liġi. Il-Maġistrat Lofaro keinet ġiet ukoll kummissjonata sabiex teżamina jekk kienx hemm si pressjoni mhux leċita minn xi persina jew awtorita' sabiex issir din id-deportazzjoni, u teżamina kell kwistjoni oħra anċellari ma' dawn.

Il-Maġistrat Abigail Lofaro temmet l-inkarigu tagħha u ikkonkludiet li:

a) "l-awtoritajiet f'Malta kienu legalment korretti fid-deċiżjoni li ħadu li jsiru deportazzjonijiet in kwistjoni. In oltre l-awtoritajiet f'Malta bl-ebda mod ma marru kontra xi direzzjoni tal-UNHCR jew ta' Amnesty International jew ta' xi għaqda oħra internazzjonali rikonoxxuta f'dan ir-rigward."

b) L-uffiċjal Prinċipali għall-Immigazzjoni, jiġifieri il-Kummissarju tal-Pulizija segwa "skrupolożament" il-liġi għal dak li jirrigwardja l-proċess kollu li wassal għad-deportazzjoni taċ-ċittadini Eritrej.

c) Il-pulizija qdew il-funzjonijiet tagħhom b'mod effiċjenti u legali ukoll fir-rigward ta' l-obbligi tagħhom illi jintervistaw lil kull min talab kenn (asylum) u fornuhom bl-informazzjoni kollha dwar id-drittijet tagħhom, inkluż id-dritt li jaqqlikaw għal status ta' refuġjat.

d) Il-proċess kollu ta' kif imxew il-każijiet quddiem il-Kummissarju għar-Refuġjati, is-Sur Charles Buttigieg "kien kollu kemm hu regolari u skond il-liġi."

e) Ma kien hemm ebda pressjoni mhux leċita biex issir id-diportazzjoni ta' dawn il-persuni u dan b'referenza għall-kelliemi ta' l-Oppożizzjoni dwar l-intern li kien staqsa jekk kienx hemm din il-pressjoni.

f) Illi dwar il-proċeduri fl-Appell, id-deċiżjonijiet kollha li ttieħdu mill-Bord ta' l-Appell, ittieħdu wara li sar eżami akkurat, bir-reqqa u bil-galbu fil-mertu ta' kull appell li sar; f'dan il-kontest iżda il-Bord sab li l-Bord naqas meta ma tax ir-raġunijiet għad-deċiżjoniiet tiegħu pero' għamilha ċara li dan in-nuqqas "bl-ebda mod ma affettwa il-legalita' u r-regolarita tal-proċess kollu li wassal għad-deportazzjoni." Il-Maġistrat Lofaro osservat ukoll li l-Bord ta' l-Appell għandu kull dritt li jezamina l-każ

mingħajr ma jsejjaħ seduta iżda irrakomandat li fejn jista' jkun, dawn għandhom jibdew isiru.

Il-Ministru tal-Ġustissja u l-Intern Dr Tonio Borg ġibed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li mill-Inkjesta Maġisterjali irriżulta illi:

a) Ħadd minn dawk li kienu bdew proċeduri legali sabiex ma jiġux deportati ma ġie deportat

b) Ħadd ma ġie mċaħħad li japplika għal status ta' refuġjat, u ma kien hemm ħadd li talab, anki jekk fl-aħħar mument, li japplika għal status ta' refuġjat, u ma tħalliex jagħmel dan.

c) L-UNHCR kienet infurmata, ħafna qabel id-deportazjoni, li dawk li ma applikawx għal staus ta' reġugjat, jew dwak li applikaw u tilfu il-każ tagħhom kienu se jiġu ripatrijat

d) Il-persuni li m'applikawx għal status ta' refuġjat, persistentement irrifjutaw li jagħmlu dan minkejja li ġew mitluba biex jagħmlu dan u ġew avżati bil-konsegwenzi ta' tali rifjut mis-segwenti persuni:

1. Uffiċċjali tal-Forzi Armati u tal-Pulizija
2. Monsinjur Philip Calleja,
3. Rappreżentant minn Ruma tal-UNHCR,
4. Dr Katrine Camilleri tal-Jesuits Refugees Service,
5. Il-Kummissarju tar-Refuġjati,
6. Dr Godwin Grima, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern
7. Rappreżentanti tal-Laboratorju tal-Paċi

e) Li dawn iċ-ċittadini Eritrej kienu jintersahom biss li jingħataw lura d-dgħajsa tagħhom u jitħallew ibaħħru lejn Sqallija.

Matul l-Inkjesta saru 14-il seduta fil-bini tal-Qorti, kollha miftuħa għall-pubbliku, li fihom taw ix-xhieda tagħhom xejn inqas minn 48 xhud, uħud iktar minn darba, u ġew esibiti 88 dokument.

Fl-aħħarnett, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, filwaqt li jirringrazzja lill-Maġistrat Lofaro għax-xogħol siewi tagħha, jesprimi sodisfazzjon għall-fatt li l-proċess li wassal għad-deportazzjoni ġie ċertifikat bħala wieħed regolari. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern saħaq li l-Gvern ser ikompli bil-politika tiegħu li jiggarantixxi d-drittijiet kollha lil min ħaqqu protezzjoni skond il-liġi, u li jkompli jinsisti li min m'għandux dritt li jibqa' f'Malta, irid jiġi ripatrijat.